MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 28/2006

**Avviz numru 28/06 DM**

**F Advertising Limited (C 27689)**

**Vs**

**Joseph u Edwige konjugi Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' t elef, erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM 4,425) rapprezentanti ammont li huwa dovut minnhom inkluza t-taxxa tal-VAT ghal servizzi ta' reklamar debitament rezi fuq inkriku taghhom ai termini ta' skrittura privata ffirmata minnhom datata 31 ta' Lulju, 2004 annessa ma' l-avviz, dokument A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 7 ta’ Dicembru, 2005 u ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju datat 19 ta’ Jannar, 2006 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficjali kontra l-konvenut li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma’ deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghat lil Vincent Baldacchino bil-gurament u rat id-dokument esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita’ konferma.

Ghaldastant il-Qorti qeghdha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ erba’ t elef, erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM 4,425) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxxijiet legali dekorribbli b’ effett mis-7 ta’ Dicembru 2005

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------